**Minuti tal-mitejn u wieħed u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru, 2012, fil-5.30 p.m. Din hija wkoll it-disa' laqgħa tas-sitt leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Joseph Cordina |
| Viċi Sindku : | Is-Sur Aaron Aġius |
| Kunsilliera : | Dr. Christian Żammit |
| | Is-Sur Victor Żammit |
| | Dr. Joseph Attard u |
| | Is-Sinjura Maria Grima |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

Dr. Kevin Cutajar kien skużat u wasal fis-7:30pm

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa Numru 280 li saret nhar il-Ħamis, 19 ta' Settembru, 2012, wara li saru l-korrezzjonijiet approvati.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

Il-Kunsillier Dr. Christian Zammit semma li it-tabella li hemm faċċata tal-Playing Field għada ma saretx. Is-Sindku qal li qedgħin nistennew mappa mingħand il-MEPA biex din tkun tista tiġi irrangata.

Il-Kunsillier Dr. Joseph Attard semma li jixtieq li ikunu ippresentati il-*Quarterly Reports* u il-*Budget* għas-sena 2012. Is-Sindku wieġeb li l-accounts ser għandhom ikunu updated sa nofs Novembru.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku beda billi informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni għall-fondi tal-EU għall-proġett tal-bini taċ-ċentru ċiviku iddaħħlet fil-ħin. Huwa semma il-fatt li fil-futur jaqbel li f'proġetti simili inqabbdu konsulent għaliex dawn ikunu aktar intisi fuq xogħol bħall dan. Huwa informa lill-Kunsill li il-pass li imiss hu li nagħzlu il-*project manager,* il-perit u l-Inginier. Wara diskuzzjoni il-Kunsill qabel li bħala *project manager* nuzaw lil-Perit Mariella Xuereb, bħala Inginier nuzaw lil-Galea Curmi Consultants u bħala Perit nuzaw lil-Perit Chris Cachia. Aktar il-quddiem għandu jintgħazel id-Designer.

2. Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-kunċert tal-Milied li għadna nistennew quotation mingħand is-Surmast biex ikunu nistgħu nimxu.

3. Is-Sindku informa lill-Kunsill li irċevejna tlett offerti għat-tiżjin tat-toroq għall-Milied. Dawn kienu zewġ offerti mingħand D-illumination u offerta mingħand 2ceemedia. Wara diskuzzjoni il-Kunsill għazel offerta numru 1 ta' D-illumination.

4. Is-Sindku semma li ir-recording ta' Xarabank ġie immexxi mid-data ta' 17 ta' Novembru 2012 għas-27 ta' Novembru 2012.

5. Is-Sindku informa lill-Kunsill li din is-sena il-karnival ser jibda kmieni għalhekk għandna insejħu laqgħa urġenti ma' l-organizzazjonijiet tal-karnival.

6. Is-Sindku informa lill-Kunsill li irċevejna żewġ tenders għall-kostruzzjoni ta'dorga (storm water culvert) bejn Triq Kortoll u Triq il-Knisja. Dawn l-offerti kienu mingħand Simon Sultana u mingħand Pinu Attard. Wara diskuzzjoni il-Kunsill għazel l-offerta ta' Simon Sultana.

7. Is-Sindku informa lill-Kunsill li il-Laqgħa tal-Lokalita saret il-Ħadd 7 ta' Ottubru 2012. Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera u ġie deċiż li il-Minuti għandhom jiġu approvati fil-Laqgħa tal-Lokalita tal-2013.

**Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti**

1) *Email* mingħand Liliana Camilleri, Manager Administration max-Xarabank Team, fejn tinforma lis-Sindku li kull minn jiġi għall-program ta' Xarabank ser jingħata rigali b'xejn u li ir-*recording* tal-program ser isir is-Sibt 17 ta' Novembru 2012 fid-9:30am. Din ġiet posponuta għal 24 ta' Novembru jew 1 ta' Diċembru 2012.

2) *Email* mingħand Maria Farrugia, Education Officer mal-WasteServ li tinforma lill-Kunsill li ser tkun organiżata il-*European Week for Waste Reduction.* Din ser issir bejn is-17 u il-25 ta' Novembru. Il-Kunsill jista jirregistra għal din l-attivita sal-31 ta' Ottubru. Il-Kunsill innota il-kontenut.

3) Ittra mingħand l-Arc. Carmelo Refalo u Ganni Attard f'isem il-Kumitat Festi tal-Għid fejn jinfurmaw lill-Kunsill li hemm il-ħsib li jiġi ippublikat ktejjeb zgħir bl-isem *Il-Purċissjoni tal-Gimgħa l-Kbira –Xagħra Għawdex*. Huma jitolbu li dan il-ktejjeb jiġi ippublikat b' kollaborazzjoni tal-Kunsill u li il-Kunsill jgħin finanzjarjament fl-ispejjeż ta' din il-pubblikazzjoni. Il-Kunsill iddeċida li din għandha tiġi diskussa aktar il-quddiem.

F'dan il-mument il-laqgħa ġiet sospiza għaliex waslu is-Sur Joseph Sultana, is-Sinjura Mikelina Borg, l-Arċipriet Carmelo Refalo u is-sur Victor Agius għall-laqgħa mal-Kunsill dwar xi ilmenti u talbiet. Il-ħin kien is-6:00 pm. Il-laqgħa tal-Kunsill reġgħet bdiet fis-6:45pm.

4) Ittra mingħand Joseph Sultana f-isem It-Teatru L-Antik fejn jitlob li b'kollaborazzjoni mall-Kunsill tiġi imtella' kummiedja *It-Tieġ ta' Karmena Abdilla* f'Awwissu 2013 fil-Pjazza tax-Xagħra. Huwa jagħti xi dettalji dwar din l-kummiedja. Il-Kunsill iddeċida li qabel nagħmlu *commitment* għandhom jinġabru stimi.

5) Ittra mingħand Marvic Gauci fejn jinfurma lill-Kunsill li f'dawn l-aħħar snin irċieva il-kliem ta' storja ta' meta Napuljun seraq l-istatwa tal-Madonna tal-Vittorja mill-knisja u għalhekk jitlob li il-Kunsill jagħtih l-opportunita biex jagħmel musical bl-isem *Il-Madonna tal-Fidda.* Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu mas-Sur Gauci u mas-Sur Carmel Bajada qabel ma tittieħed deċizjoni.

6) Ittra mingħand Joe Attard, Kap Ezekuttiv tal-Green MT fejn jitlob li jiltaqa mal-Kunsill biex formalment jgħaddi proposta għas-snin 2013 u 2014. Huwa jitlob li tiġi deċiża data u ħin għal din il-laqgħa. Il-Kunsill iddeċida li din il-kwistjoni mhix ta urġenza u għalhekk għandha tiġi diskussa darb' oħra.

7) Ittra mingħand Francis Camilleri, Direttur ta' Tanti Opticians fejn jitlob li jagħmel reklam fil-*Magazine* tal-Kunsill. Huwa jitlob x'inhu il-prezz. Il-Kunsill qabel li meta ikun ser joħroġ il-*magazine* tal-Kunsill għandna nikkuntatjaw lis-Sur Camilleri.

8) MEMO 35/2012 mingħand Carmel Abela, Direttur tad-Dipartiment Gvern Lokali li titratta dwar l-iskema ta' impjieg inklussiv fil-komunita'. Huwa jinforma lill-Kunsill li ser titneda skema biex jagħtu l-opportunita lil persuni b'diżabilta biex jaħdmu mal-Kunsilli. Il-Kunsill innota li diġa applikajna.

9) MEMO 36/2012 mingħand Carmel Abela, Direttur tad-Dipartiment Gvern Lokali li titratta dwar Is-sehem tal-Kunsilli lokali fl-istrateġija Ewropa 2020 fejn jinforma lill-Kunsill li ser jiġi organizzat *Seminar* mill-MEUSEC nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru 2012. Hu jitlob li din id-data tinżamm libera u li jintbagħat rappreżentant. Il-Kunsill iddeċida li għandu jattendi is-Sur Victor Zammit.

10) *Email* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn jinfurmaw lill-Kunsill li hemm offerta mill-Heritage Malta għall-Kunsilli Lokali dwar is-siti tal-Birgu. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lill-anzjani tad-day center.

11) *Email* mingħand Dr J Xuereb dwar il-fatt li fit-tarf ta Triq l-Għejjun jidher li is-sies qed iċedi kaġun ta l-ilma tax-xita. Il-Kunsill qabel li għandhom imorru is-Sindku u il-Perit biex jaraw x'jista isir.

12) *Email* mingħand Muriel Grech mill-Foundation for Educational Services fejn tinforma lill-Kunsill li il Hilti Club ser jorganizza attivita fl-1 u fit-2 ta Novembru. Il-Kunsill innota il-kontenut.

13) *Email* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn jinfurmaw lill-Kunsill li qed tissejjaħ il-laqgħa għall-Kunsillieri tal-Kunsilli Lokali ta Malta u Għawdex. Il-laqgħa ser issir nhar is-Sibt 10 ta' Novembru fil-Lukanda Dolmen Resort, il-Qawra. Ir-registrazzjoni għandha issir sat- 2 ta Novembru u il-ħlas hu ta €50. Il-Kunsill iddeċida li għandu jattendi is-Sindku.

14) *Email* mingħand Ivan Mifsud, Senior Administrator fil-Water Services Corporation fejn jibgħat stima ta' xogħol f' Triq il-Kummittiva. Il-Kunsill iddeċida li għandna niktbu lura lill-WSC biex ngħidulhom li ir-responsabilita li jsir il-main huwa tal-WSC u mhux tal-Kunsill, għalhekk l-ispejjez għandhom jitħallsu mill-WSC.

15) Ittra mingħand Kevin Sciberras, Ko-ordinatur Kulturali fi ħdan Uffiċċju tal-Kultura dwar id-dettalji tal-Karnival ta'Għawdex 2013. Il-Kunsill innota il-kontenut u qabel li għandna nimxu fuq l-istess binarji tas-sena l-oħra għall Karnival fix-Xagħra

16) Ittra mingħand Joseph Bajada li joqgħod Madonna ta' Pinu, Vjal 8 ta' Settembru, Xagħra dwar iz-zbir tal-ħarruba li hemm ħdejn il-belvedere li hemm fi-Vjal it-8 ta' Settembru. Il-Kunsill innota il-kontenut.

17) Ittra mingħand Ruben Said, Head Gozo Office ta' Transport Malta fejn jwieġeb għall ittra tas-Sindku datata 4 ta Novembru 2011. Huwa jinforma lill-Kunsill li it-talba biex tiġi estiża ir-rotta tat transport pubbliku ma tistax tiġi milqugħa. Il-Kunsill wara diskussjoni qabel li għandna nibgħatu ittra lir-residenti fejn ninfurmawhom bid-deċizjoni tat-Transport Malta u li min irrid jista jiffirma petizzjoni fl-uffiċju tal-Kunsill.

18) Ittra mingħand Dun Gwann Sultana fejn jitlob għal għajuna finanzjara u għajnuna oħra fuq proġett ta sigraEKOmilied. L-ispiża se tkun ta' madwar €3300. Il-Kunsill iddeċida li għandna inkellmu lil Dun Ġwann għal aktar dettalji.

19) *Email* mingħand Dr Angele Formosa f'isem Joseph Teuma ta' Dar Gropplu, Triq Mannar fejn titlob li jsir ix-xogħol u il-permessi meħtiega fuq il-bankina li għandu quddiem id-dar tiegħu għaliex inħareġ enforcement notice ECF1238/00. Is-Sindku informa lill-Kunsill li din il-problema ġiet solvuta.

20) Ittra mingħand Insp. F A Tabone minn-Victoria Police Station fejn jinforma lill-Kunsill li Julian Mercieca ġie misjub ħati li kien qiegħed iħammeg it-triq inkwistjoni. Il-Kunsill innota il-kontenut.

21) Ittra ta' ringrazzjament mingħand Mary Anne Sultana f-isem il-Kumitat Organizzattiv tal-għajnuna li ingħatat waqt is-serata li nzammet f'Misraħ il-Vitorja nhar l-1 ta' Settembru 2012. Il-Kunsill innota il-kontenut.

22) *Email* mingħand Howard Keith Debono ta Jagged House li jinforma lill-Kunsill li Tribali ma jistgħux jagħmlu il-kunċert fil-*weekend* ta' Santa Marija. Huwa jissugerixxi it-tieni ġimgħa ta Lulju 2013 bħala alternattiva. Il-Kunsill innota il-kontenut.

23) *Email* mingħand Muriel Grech mill-Foundation for Educational Services fejn tinforma lill-Kunsill li il-Young Writers Club ser tiġi organizzata. Il-Kunsill innota il-kontenut.

24) *Email* mingħand Kurt Scerri, Waste Education Officer tal-Greenpak Coop fejn jinforma lill-Kunsill li mhux ser isir ġbir ta'skart riċikabbli fil-Milied u nhar l-Ewwel tas-Sena u minflokk ser isiru gabriet speċjali l-Erbgħa 26 ta Diċembru u l-Erbgħa 2 ta Jannar. Għalhekk huwa jitlob li il-Kunsill jinforma lir-residenti dwar dan. Il-Kunsill iddeċida li għandna ninfurmaw lir-residenti.

25) *Email* mingħand Gabriella Lapadatovic dwar l-attivita tad-Diami li ser issir f' Vanersborg, Svežja. Il-Kunsill qabel li ser jattendu għal din l-attivita is-Sinjuri Victor Zammit u Marcel Bonnici. Huwa importanti li dawn jiksbu l-informazzjoni meħtiega dwar x'hemm bzonn li isir għal-laqgħa li ser issir fix-Xagħra f'Marzu 2013.

26) Ittra mingħand il-Kapp. Kan. Mikiel Borg, Rettur tal-Knisja San Pawl, Marsalforn fejn jitlob li il-Kunsill jipparteċipa fil-festa ta San Pawl li ser issir nhar il-Ħadd 3 ta' Frar. Il-Kunsill iddeċida li jagħmel dan billi jikkumisjona il-Banda Victory.

27) *Email* mingħand Chev Tony Coliero, Hospitality and Tourism Consultant tal-Hotel Calypso fejn jitlob li jiltaqa mas-Sindku biex jiddiskuti kif jista ikun hemm kollaborazzjoni akbar bejn il-Kunsill u il-Hotel Calypso fil-*marketing stategy* li qed tiġi imnedija. Il-Kunsill iddeċida li għandhom jiltaqgħu is-Sindku u is-Sur Coliero f'data tajba għalihom.

28) Ittra mingħand Dr Kevin Mompalao f'isem Mario Cordina ta Peprina, Triq it-Tempju Megalitiku, Munxar. Fejn jibgħat ritratt ta Xagħra Road, Marsalforn fejn il-klijent soffra ħsarat fil-karozza tiegħu. Il-Kunsill qabel li din l-ittra għandha tintbagħat lil Dr Carmelo Galea biex jirrispondi.

29) Ittra mingħand Mark Attard, Branding & Communications Officer tal-Malta Football Association li tinforma lill-Kunsill li qiegħed ikun hemm 'tours' fil bini tal-MFA. Il-prezz hu ta' €5 ir-ras u jekk ikun hemm interess għandu jiġi ikkuntatjat is-Sur Attard. Il-Kunsill innota il-kontenut.

30) MEMO 38/2012 mingħand Carmel Abela, Direttur tad-Dipartiment Gvern Lokali li titratta dwar Skema fuq inizjattivi ta' attivitajiet 2012/2013 fejn jinforma lill-Kunsill li ser ikun hemm żewg *call for application*. Waħda tagħlaq fis-16 ta' Novembru u l-oħra fit-30 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għall-attivitajiet tal-Karnival, tal-festa ta' Sant Anton u tal-festival tat-tin.

31) *Email* mingħand Ray Abela, Managing Director, TCTC li jinfurma lill-Kunsill dwar *professional streaming service* li qiegħed joffri. L-ispiża ta' dan is-serviżż hu €1,100 għall-apparat u installazzjoni u €1,100 li jkopri 30 siegħa ta *streaming*. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu il-*live streaming*.

32) *Email* mingħand Martin Morana fejn jinforma lill-Kunsill li dalwaqt ħiereġ it-tieni ktieb dwar il-kultura u l-istorja ta' Malta. Dan jkompli fejn ħalla *Bejn Kliem u Storja.* Il-Kunsill qabel li nixtru xi kopji.

33) *Email* mingħand Charmaine Attard, Segretarja ta' Puttinu Cares Cancer Foundation (Gozo) fejn titlob li il-Kunsill jgħin fil-ġbir ta' fondi li jagħmlu. Jekk il-Kunsill hu interessat li jgħin permezz ta attivita għandu jikkuntatja lill-Puttinu Cares Gozo. Il-Kunsill innota il-kontenut.

34) *Email* mingħand George Abdilla, General Secretary tal-Malta Motorsport Federation li jitlob il-Kunsill jagħmel barriers tat-traffiku fi Triq ta'Ħamet minħabba ix-Xagħra Hill Climb. Il-Kunsill iddeċida li din it-talba għandha tintbagħat lill-Ministeru għall Għawdex u fl-istess waqt infakkruhom dwar l-asfaltar ta Vjal 8 ta Settembru.

35) *Email* mingħand Audrey Testaferrata, Head Strategy Directorate tat-Transport Malta fejn titlob il-kummenti u rakkamandazzjonijiet dwar mistoqsija parlamentari li tittratta dwar x'mizuri ittieħdu dwar is-sewqan veloċi li qiegħed ikun hemm fi Triq Parisott. Il-Kunsill iddeċida li għandna ninfurmaw lill-Transport Malta li qedgħin jittieħdu il-mizuri li hemm bzonn biex fi triq Parisott il-vetturi inaqqsu il-veloċita.

36) *Email* mingħand Ian Paul Bajada, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex fejn jistieden lill-Kunsill ikun prezenti għall-Laqgħa Annwali Plenarja tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex li ser issir nhar is-Sibt 27 ta' Ottubru 2012 fil-Lukanda Calypso bejn id-9:00am u nofsinhar. Il-Kunsill innota il-kontenut.

37) *Email* mingħand Joe Grima, Event Co-ordinator Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki li jinforma lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 11 ta' Novembru ser ikun hemm attivita f'erba' lokalitajiet Għawdxin fosthom ix-Xagħra. Għalhekk huwa jitlob li il-Kunsill jirreserva il-Pjazza Vittorja għal parking ta dawn il-vetturi u li jiġu ipprovduti ftit *refreshments* għal parteċipanti. Din ġiet posposta għal data oħra

x'aktarx 19 u 20 ta Jannar. Il-Kunsill qabel li għandna naraw x'inhi id-data eżatta u jekk taħbat mal-Festa ta' San Anton ninfurmaw lil-FMVA li ma inkunux nistgħu nagħmluha.

38) Ittra mingħand Joe Fenech Soler, Managing Director ta' Blues Ltd li qiegħed jibgħat il-katalgu tal-kumpanija tagħhom fejn jinforma lill-Kunsill li huma lesti li jagħmlu xi *street furniture* u tabelli bla spejjeż għall-Kunsill. Il-Kunsill innota il-kontenut.

39) Mistoqsija Parlamentari mingħand Dr Justyne Caruana dwar l-istat tax-xogħolijiet ta' Triq Marsalforn. Il-Kunsill iddeċida li għandna nikkuntatjaw lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar id-disponibilta tal-fondi taħt l-iskema tal-PPP biex inkomplu it-toroq li kien fadal taħt din l-iskema.

40) Ittra mingħand Vincent Azzopardi, Unit Manager Employment Schemes tal-ETC fejn jitlob li jkun hemm aktar kontroll fuq il-parteċipanti fl-iskema Xogħol fil-Komunita. Huma qed jitolbu li għandha tinżamm rekord ta' attendenza jun b'jum ta' kull parteċipant. Uffiċjali tal-ETC ser ikunu qed jagħmlu spezzjonijiet biex jiżguraw li dak li qiegħed ikun imniżżel fuq l-attendenza jirrifletti il-verita. Il-Kunsill innota il-kontenut.

41) Ittra mingħand is-Sur Victor Hili, Direttur, Road Construction Ltd fejn jinforma lil-Kunsill li it-toroq, li ser jgħaddu minnhom minħabba ix-xogħol ta' reħabilatazzjoni tal-mizbla tal-Qortin, ġew amendati. B'dawn l-amendi ser ikun hemm medja ta' erba' viġijiet kuljum bejn l-1 ta' Novembru u it-30 ta' Ġunju (fix-Xitwa). Fis-sajf, jiġifieri, bejn l-1 ta' April u il-31 ta' Ottubru mhux ser ikun hemm viġijiet. Għalhekk qiegħed jitlob in-*no objection* tal-Kunsill biex jgħaddi minn xi triqat fix-Xagħra. Il-Kunsill qabel li jagħti in-no objection bil-kundizzjoni li mill-ewwel ta Settembru sa l-aħħar ta Mejju ma għandhomx jgħaddu trakkijiet u il-kuntrattur għandu jinżamm responsabbli ta' kull ħsara li jista' jsir fit-toroq tax-Xagħra.

42) *Email* mingħand Cristina Bonafe, Project Manager ta' Paragon Europe fejn tinforma lill-Kunsill li ser isir proġett li jitratta dwar teknologiji ġodda ta' energija. Hi titlob lill-Kunsill jekk huwiex interessat li jipparteċċipa f'dan il-proġett pilota li ser isir. Il-Kunsill iddeċida li ninfurmaw lil-Paragon Europe li aħna interessati.

43) Ittra mingħand Richard Dimech, Segretarju tal-President fejn jinforma lill-Kunsill li l-Eċċellenza Tiegħu Dott. George Abela, President ta' Malta u s-Sinjura Abela ma jistgħux jattendu għall-kunċert mużikali li ser jittelgħa nhar il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru 2012, minħabba li għandu mpenji oħra. Il-Kunsill innota il-kontenut.

44) Ittra mingħand Janica Camilleri li toqgħod 'Kristlin', Triq tal-Qaċċa fejn tinforma lill-Kunsill li ġiet magħzulha biex tirappresenta lil Malta f' Miss Intercontinental 2012 pageant fit-23 ta Novembru 2012 fil-Germanja. Hija titlob lill-Kunsill għall għajnuna billi jkoppri l-ispejjez tal-biljett tal-ajru. Il-Kunsill iddeċida li għandna nagħtuha €500 bil-kundizzjoni li din għandha tipprommovi kemm tista lill-lokalita tagħna f'din l-*event*.

45) *Email* mingħand James Licari mill-ICOMOS Malta fejn jagħti informazzjoni dwar l-ICOMOS seminar li fiħ is-Sindku għandu jipprezenta *paper* dwar il-lokalita tax-Xagħra. Il-Kunsill innota il-kontenut.

46) *Email* mingħand Ray Abela, Managing Director, TCTC li jinfurma lill-Kunsill dwar il-korsijiet tal-kompjuter LEARNIT li qiegħed jipproponi li isiru f'Novembru u Diċembru. Hu jitlob li jiġi delegat persuna biex jieħu ħsieb dawn il-korsijiet minn naħħa tal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċida li għandha tikkordina dawn il-korsijiet il-kunsilliera Maria Grima.

47) Ittra mingħand Natalie Briffa Farrugia, Chief Executive Officer ta' Care Malta Group fejn tistieden lill-Kunsill biex jinnomina lil xi ħadd għan-Nazzareno Vassallo Award għall-iniżjattivi fil-kura tal-anzjani. Dan għandu isir sal-Ġimgħa 16 ta' Novembru. Il-Kunsill innota il-kontenut.

48) Ittra mingħand Giovann Cefai, Segretarju tal-Gozo Horse Racing Association fejn jinforma lill-Kunsill li ser ikun qed jorganizza Gozo Local Council Heats fil-festa tal-Kunċizzjoni. Din tinvolvi li kull Sindku jirkeb ma gerrej mil-lokailta' u issir sfilata fil-bidu u wara jitqassmu xi tifkiriet u premijiet lir-rebbieħa. Il-Kunsilli li jippartecipaw ser ikollhom il-bandiera imtellgħa u qed jitolbu €200 mingħand kull Kunsill. Il-Kunsill iddeċida li jilqa' it-talba.

49) *Email* mingħand Josephine Borg, Direttur mill-Uffiċju għal Konsumatur fejn tinforma lill-Kunsill li l-invitazzjoni biex jiġu organizzati taħdidiet dwar edukazzjoni tal-konsumatur għada miftuħa. Il-Kunsill innota il-kontenut.

50) Ittra mingħand Victor Ellul fejn jinforma lill-Kunsill li lesta ktieb rigward l-istorja tal-futbol feminili f'Malta u f'Għawdex mill-1995 sal illum. Dan il-ktieb ser jitqassam mingħajr l-ebda ħlas f'diversi għaqdiet fosthom Kunsilli Lokali. Għalhekk jekk il-Kunsill irrid jakkwista xi ftit kotba u jagħti donazzjoni għall-Puttinu Cares għandna nikkuntatjaw lis-Sur Ellul. Il-Kunsill iddeċida li jakkwista b' €50 kotba.

51) *Email* mingħand Josianne Muscat, Principal Scientific Officer mill-MRRA, fejn tinforma lill-Kunsill li ser isir bexx tas-siġar tal-palm bħala kontroll tal-Bumunqar l-Aħmar. Il-Kunsill qabel li għandna nikkuntatjaw lil-Joseph Bonello.

52) *Email* mingħand Jeanne Borg, mid-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn tinforma lill-Kunsill li ser ikun hemm Seminar organizzat mis-SEDQA u mill-Kummissjoni Nazzjonali taż-Żgħażagħ li ser isir nhar is-Sibt 3 ta' Novembru. Il-Kunsill innota il-kontenut.

53) *Email* mingħand Andre Gatt, fejn jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li hdejn il-Pergla hemm pilastru vittorjan li għandu siġra tal-bajtar tistrieħ fuqu. Huwa jitlob li il-Kunsill jieħu azzjoni biex inneħħi din is-siġra minn fuqu. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu il-ħaddiema tagħna.

54) Ittra mingħand Josephine Azzopardi, Presidenta tal-Azzjoni Kattolika Xagħra fejn tinforma lill-Kunsill li ser tiġi organizzata kummiedja bl-isem *Il-Magistrat Jibbrilla* nhar il-Ħadd 28 ta' Ottubru 2012. Hija talbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex tittella din l-attivita u tistieden lill-membri tal-Kunsill biex jattendu. Il-Kunsill qabel li jieħu ħsib l-istampar tal-*posters*.

55) *Email* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn jinfurmaw lill-Kunsill li ġie approvat li jsir uzu minn fondi tal-Unjoni Ewropea taħt il-proġett SUN EAGLE sabiex isiru Energy Audits, fl-uffiċini lokali msieħba fil-Patt tas-Sindki. Huma jinfurmaw lill-Kunsill li għandhom jiltaqgħu id-dirigenti tal-kumpanija Abertax Quality Ltd mas-Segretarju Ezekuttiv biex isir il-pjan kif se jitwettaq l-energy audit f'kull kunsill rispettiv. Il-Kunsill qabel li għandna naċċettaw il-proposta.

56) MEMO 39/2012 mingħand Carmel Abela, Direttur tad-Dipartiment Gvern Lokali li titratta dwar servizzi ta' *Contracts Manager* u ta' Perit fejn jitlob li nagħtu id-dettalji dwar is-servizzi ta' *Contracts Manager* u tal-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu *nil return* għaliex il-Perit u il-*contract manager* jiġu imqabbda *ad-hoc*.

57) *Email* mingħand Alexia Azzopardi ta' Intertravel fejn titlob li jsir tieġ għal 300 ruħ fil-bajja tar-Ramla is-sena id-dieħla. Hija titlob li dan isir lejn l-aħħar ta Awissu 2013 jew bidu ta' Settembru 2013. Il-Kunsill innota il-kontenut.

58) *Email* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn jinfurmaw lis-Sindku li ser issir laqgħa għas-Sindki dwar is-sitwazzjoni tat-trasport Pubbliku fil-lokalitajiet ta'Malta. Il-laqgħa ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru, fil-Corinthia Palace Hotel, Attard. Il-Kunsill innota il-kontenut.

59) MEMO 40/2012 mingħand Carmel Abela, Direttur tad-Dipartiment Gvern Lokali fejn jinforma lill-Kunsill dwar għajnuna li qiegħed jiġi offrut lill-Kunsilli li għandhom responsabbilta' ta' librerija lokali. Il-Kunsill iddeċida li għandna nixtru b' kemm jiswew €700 kotba.

60) Ittra mingħand Jason Joe Farrugia f'isem il-grupp *the guiding light* fejn jinforma lill-Kunsill li ser jinbeda x-xogħol fuq it-tnax il edizzjoni tal-Presepju Haj. Huwa ħeggeg lill-Kunsill biex jippromovi u jirreklama l-attivitajiet tal-Milied fix-Xagħra. Il-Kunsill iddeċida li għandna nagħmlu fuljett, *banners* u *billboards* b'informazzjoni dwar l-attivitajiet li jsiru fi żmien il-Milied fix-Xagħra.

61) Ittra mingħand Dun Anton Refalo Rapa, Rettur tal-Knisja Gesu' Nazzarenu, fejn talab lill-Kunsill biex flimkien mal-Knisja tan-Nazzarenu jorganizzaw l-attivita soċjali li issir ta' kull sena fl-okkazzjoni tal-festa tan-Nazzarenu. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb il-*PA system*.

62) Ittra mingħand Dun Anton Refalo Rapa, Rettur tal-Knisja Gesu' Nazzarenu, fejn jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex jitolbu l-għajnuna mill-Ministeru għal-Għawdex biex ikunu jistgħu jorganizzaw il-bini tal-presepju ħaj. Il-Kunsill qabel li namgħlu talba lill-Ministeru għal Għawdex.

**Ilmenti**

1. Talba mingħand is-Sindku Joe Cordina sabiex jitranġa ħajt tas-sejjieħ li waqa' fil-bidu tat-telgħa ta' Għajn Ħosna. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

2. Talba mingħand Coronata Sultana ta' 121, Triq Ġnien Xibla, sabiex jitranġa ħajt imwaqqa' fi Triq Brieret. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

3. Talba minn Jesmond Farrugia ta' 'Yamond', Triq Ġnien Imrik, sabiex jitkompla x-xogħol ta' irranġar ta' ħitan imwaqqgħin fl-inħawi ta' Ġnien Imrik u sabiex titranġa rampa li tagħti għar-raba' tal-bdiewa fl-istess żona. Is-Sindku għandu jara eżattament x'hemm bżonn isir.

4. Ilment mingħand John Azzopardi ta' 'L-Għarix', Triq Għonqa sabiex titranġa bankina f'Odissini Court, Triq Parisot. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

5. Ilment mingħand Nazzareno Mifsud ta' 'Edelweiss', Triq Parisot, sabiex titranġa l-bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

6. Talba mingħand Eucharist Sultana ta' 94, Triq Sant'Anton, sabiex isir gandott fl-inħawi tal-Qaċċa ħalli l-ilma tax-xita jintefa' fih. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

7. Talba mingħand Antonia Sciberras ta' 45, Triq l-Isqof Rużar Farrugia, sabiex isiru żewġ tabelli 'One Way' għat-trakkijiet fis-sqaq li hemm bejn Triq l-Isqof Rużar Farrugia u Triq Parisot ħdejn ir-residenza tagħha. Il-Kunsill iddeċida li issir tabela *No Heavy Vechiles.*

8. Talba mingħand Brian Magro ta' Plot 61, Triq il-Ħamrija, Xewkija sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fi Triq Karkar kantuniera ma' Triq Brieret. Din

it-talba qed issir l-aktar minħabba l-fatt li d-distributuri tal-gass qed ikollhom problema biex iduru minħabba l-ipparkjar tal-vetturi bil-konsegwenza li r-residenti ma jkunux jistgħu jinqdew. Il-Kunsill iddeċida li għandna nikkuntatjaw li Charlie Sultana dwar dan.

9. Ilment mingħand is-Sur Carmelo Refalo ta' 55, Triq it-28 ta' April 1688, sabiex titranġa rampa ħdejn ir-residenza tiegħu peress li qed isib diffikulta' biex idaħħal il-karozza tiegħu fil-garaxx. Il-Kunsill qabel li għandna naraw x'hemm bżonn isir.

10. Talba mingħand Joe Fiteni ta' 13, Triq Mikelanġ Pace, sabiex titranġa l-bankina tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

11. Talba mingħand Paul Refalo ta' 'Pauljos', Triq Sruġ, sabiex titranġa l-bankina u r-rampa tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

12. Talba mingħand Carmen Grima ta' 'Caranthony', Triq Ta' Ġorf, sabiex titranġa l-bankina tar-residenza tagħha fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

13. Talba mingħand Emmanuel Mizzi ta' 12, Triq Masri, sabiex jinbena ħajt imwaqqa' fis-sqaq tal-Pergla. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

14. Talba mingħand Joseph Mercieca ta' 'Saint Joseph', Triq Sruġ, sabiex isir 'Stop Sign' fi Triq Sruġ ħdejn ir-residenza tal-aħwa Lucy u Vicky Said. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

15. Talba mingħand Brian Meilak, ħaddiem fil-lukanda Cornucopia, sabiex issir kurduna ma' ħajt li hemm qrib il-lukanda. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

16. Talba mingħand Judith Attard ta' 38A, Triq John Otto Bayer, sabiex isir 'Slow Sign' ftit 'il fuq mill-entratura l-ġdida tat-Tempji tal-Ġgantija fi Triq Parisot qabel ma tidjieq it-triq peress li xi sewwieqa qed jibqgħu jsuqu b'veloċita' qawwija. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

17. Talba mingħand Joseph Bartolo ta' 40, Triq l-Ispiera, sabiex isir patching bis-siment quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

18. Talba mingħand il-Maġistrat Coppini sabiex tiġi installata bozza ġdida mar-residenza tiegħu peress li qed ikun hemm ħafna dlam. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

19. Talba mingħand il-Viċi Sindku Aaron Agius sabiex jitwaħħal dustbin mal-entratura l-ġdida tal-Ġgantija fi Triq Parisot u ieħor ħdejn it-tabella tal-klieb fl-istess triq peress li t-turisti qed jitfgħu ż-żibel tagħhom fl-art. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

20. Talba mingħand Lawrence Formosa ta' 6, Triq tal-Qaċċa, sabiex jitranġa gandott żgħir mal-bankina tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

21. Talba mingħand Reuben Vassallo ta' 'Vigneto Court', Triq Gajdoru, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tal-blokka appartamenti fejn joqgħod hu. Il-Kunsill iddeċida li ix-Xogħol isir sakemm iġib il-kunsens mingħand sid il-post tal-faċċata.

22. Talba mingħand Jamie Galea ta' 'Prospect House', Triq ta' Brieret, sabiex jitranġa ħajt imwaqqa' fl-inħawi tal-Pergla. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

23. Ilment mingħand James Portelli ta' 27, Triq Ġnien Imrik, sabiex isir patching bis-konkos quddiem ir-residenza tiegħu għax inqalgħet biċċa żgħira mit-triq. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

24. Talba mingħand il-Viċi Sindku Aaron Agius sabiex jiġu installati żewġ bozoz ġodda ħdejn il-Mużew tas-Subien fi Triq San Ġorġ Preca peress li hemm ħafna dlam. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lill-Enemalta u niktbu ittra lill-Ministeru għall-Għawdex.

25. Talba mingħand Natalina Attard ta' 'Destiny', Triq Ġużeppi Grech, fejn qed titlob sabiex l-isem ta' dik il-parti tat-triq fejn toqgħod hi jinbidel għal Triq Ġwann Marija Camilleri peress li fil-preżent, l-isem tat-triq huwa 'Triq Ġużeppi Grech' u qed ikun hemm problemi biex isibu lin-nies li joqogħdu hemm. Il-Kunsill qabel li għandha issir talba.

26. Talba mingħand il-Viċi Sindku Aaron Agius sabiex isir *patching* bis-siment fi Trejqet Ġorġ Cini minħabba l-istat ħażin li fih tinsab. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

27. Talba mingħand is-Sur Michele Debono ta' 'Marija Bambina', Triq Għajn Qamar, sabiex issir tabella tan-'No Parking except un/loading' fil-bidu tas-sqaq li hemm mar-residenza tiegħu peress li hemmhekk għandu l-bieb tar-residenza u qed isir ipparkjar ta' vetturi f'dan l-isqaq. Il-Kunsill qabel li għandna iġibu aktar dettalji.

28. Talba mingħand is-Sur Michael Angelo Spiteri ta' 27, Triq 28 ta' April 1688, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tiegħu. Din it-talba qed issir peress li qed issir ipparkjar ta' vetturi faċċata tal-imsemmi garaxx bil-konsegwenza li r-resident qed ikollu problema biex joħroġ bil-karozza tiegħu. Il-Kunsill iddeċida li ix-Xogħol isir sakemm iġib il-kunsens mingħand sid il-post tal-faċċata.

29. Ilment mingħand Paul Sultana ta' 65, Triq Parisot, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

30. Talba mingħand Joseph Portelli ta' Triq Ġnien Imrik sabiex issir rampa li tagħti għall-għelieqi fl-inħawi ta' Għajn Damma. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

31. Ilment mingħand Mikelina Borg ta' 12, Triq l-Ispiera, fejn ir-residenta qed iġġedded it-talba tagħha sabiex isir culvert li jilqa' l-ilma tax-xita li jibda minn ħdejn ir-residenza ta' Peter Curmi għal quddiem id-dar tagħhha fi Triq Bullara. Il-Kunsill qabel li x-xogħol għadu jsir kemm jista jkun malajr sakemm il-fondi jippermettu.

32. Talba mingħand il-Perit Victor Bigeni ta' 'Ivy', Triq Sruġ, sabiex (a) issir bankina mal-farmhouses tiegħu fi Triq Sruġ u (b) jitwaħħlu żewġ mirji, waħda hekk kif joħroġ mir-residenza tiegħu u oħra kantuniera ma' sqaq fl-istess triq viċin ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

33. Ilment mingħand is-Sur Michael Debono ta' 'Marija Bambina', Triq Għajn Qamar, dwar żewġ *shaftijiet* perikolużi li hemm ma' post li qed jinbena minn Ta' Karkanja Limited fi Triq Għajn Qamar, viċin id-dar tiegħu. Dawn is-shaftijiet huma perikolużi għax qegħdin sporġuti 'l barra għat-triq. Ir-resident qed jitlob lill-Kunsill sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur in-kwistjoni u jara li din is-sitwazzjoni tiġi rranġata minnufih. Il-Kunsill qabel li għandna nikkuntatjaw lil-Euchar Vella, id-direttur ta' Karkanja Limited.

34. Talba mill-Viċi Sindku Aaron Agius sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tal-isqaq fejn hemm ir-residenza ta' Raymond Agius li joqgħod 111, Triq Bullara. Il-Kunsill iddeċida li ix-Xogħol isir sakemm iġib il-kunsens mingħand sid il-post tal-faċċata.

35. Talba mingħand Nazzarena Farrugia ta' 9, Triq il-Kortoll, Xagħra sabiex (a) jitranġa ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq Għajn Damma u (b) jitranġa passaġġ bis-siment fit-triq tas-Sruġ.

36. Talba minghand Josephine Sultana li toqghod 'Tal-Hawlija', Triq l-Ghar ta' Ninu, Xaghra Ghawdex sabiex il-bus stop li hemm faccata ta' Stephen's Snack Bar fi Vjal it-8 ta' Settembru tinzebagh fl-art ukoll ghax qed ikun hemm problema ta' ipparkjar hazin f'din il-parti tat-triq. Wara diskusjoni il-Kunsill qabel li għandna niktbu lill-Transport Malta biex din il-bus stop tiġi imexxija għal fejn hemm il-*loading/unloading bay*.

37. Talba minghand Alfred Camilleri ta' 29, Triq Mikiel Farrugia, sabiex isir sinjal fil-kantuniera bejn Triq Mikiel Farrugia u Triq Frangisk Camilleri halli l-vetturi li jkunu qed jiksru minn triq ghal ohra jkollhom sinjal fl-art li jurihom fejn iridu jkunu biex jiksru tajjeb minghajr ma jidhlu fil-*lane* ta' vetturi li jkunu gejjin minn direzzjoni opposta. Il-Kunsill qabel li għandna niktbu lill-Transport Malta.

38. Talba minghand Joseph Galea ta' 1, 'Green Valley', Vjal it-Tmienja ta' Settembru, sabiex tinzabar il-harruba li hemm fil-passagg ta' hdejn ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

39. Talba mingħand Lawrence Camilleri, li joqgħod Thaddeus, Triq San Ġużepp fejn jitlob li isiru sinjali sofor fi Triq San Ġużepp minħabba li qiegħed ikun hemm

diffikulta biex jgħaddu vetturi kbar minħabba karozzi pparkjati fuq kull naħħa. Il-Kunsill iddeċida li ix-Xogħol isir sakemm iġib il-kunsens, bil-miktub, mingħand sid il-post tal-faċċata.

40. Talba mingħand J. Galea biex jitneħħa il-ġebel li hemm faċċatta tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna niktbu lill-Ministeru għal Għawdex.

41. Talba mingħand il-Viċi Sindku Aaron Agius f'isem Emmanuel Bonello biex jinbena ħajt tas-sejjieħ fi Triq Masri. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

42. Talba mingħand il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar biex jinbena ħajt biex ma jintefax żibel fi Triq Sruġ. Il-Kunsill qabel li il-ħmieġ li hemm għandu jitnaddaf u għandha titwaħħal tabella.

43. Talba mingħand il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar li qal li fi Triq Ġnien Imrik hemm ħafna ilma li qiegħed jinġabar quddiem xi residenzi. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu talba lill-Ministeru għal Għawdex biex jitkompla dak il-*culvert* tal-ilma li ilu li inbeda xi sitt snin u għal xi raġuni jew oħra għadu mhux lest.

44. Talba mingħand il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar biex il-palm li hemm ħdejn il-mitħna jissaqqa. Il-Kunsill qabel li dan għandu isir.

45. Talba mingħand il-Kunsillier Dr. Joseph Attard biex isiru żewġ tabelli *keep left* mal-istatwa ta' Sant Anton għaliex qiegħed ikun ta periklu. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lil Transport Malta biex isiru sinjali tat-traffiku fl-art.

**Aprovazzjoni tal-Pagementi**
Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti annessi mal-minuti.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fil-9.30 p.m. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 22 ta' Novembru 2012 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Joseph Cordina** | **Mark Formosa** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |